

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA/EIGE
Vjenna/Vilnius, 3 ta' Marzu 2026

EMBARGO: 3 ta' Marzu 2026 12:00 CET

Stħarriġ madwar l-UE kollha jenfasizza l-iskala tal-vjolenza psikoloġika, ekonomika u ċibernetika kontra n-nisa

Sejbiet ġodda mill-istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru juru realtà ċara – il-vjolenza kontra n-nisa hija mifruxa, dejjem aktar diġitali u injorata mill-istituzzjonijiet maħsuba biex jindirizzawha u jipprevjenuha. Il-vjolenza minn sieħeb intimu, l-abbuż psikoloġiku, il-vjolenza ekonomika u l-vjolenza ċibernetika huma fost l-aktar forom mifruxa, iżda spiss huma l-inqas rikonoxxuti. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iħeġġu lill-Unjoni tallinja l-liġi, il-politika u l-prattika mal-esperjenzi tan-nisa. L-iskala ta' vjolenza mhux irrappurtata turi li s-sistemi mhumieq qed jaħdmu b'mod adegwat.

Għaxar snin wara li l-FRA ppubblikat [l-ewwel studju prominenti tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa](#), u minkejja l-avvanzi sinifikanti li saru fil-leġiżlazzjoni u fil-politika, il-vjolenza kontra n-nisa fl-UE għadha mifruxa.

Ir-rapport il-ġdid "[Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru - Evidenza għall-politika u għall-prattika](#)" jipprovdi analiżi aktar profonda tar-riżultati mit-tieni stħarriġ madwar l-UE kollha. Mara minn kull tlieta fl-UE tesperjenza vjolenza fiżika u/jew sesswali. Il-vjolenza minn sieħeb intimu, l-abbuż psikoloġiku, il-vjolenza ekonomika u l-vjolenza ċibernetika huma komuni wisq — iżda spiss ikunu l-inqas forom rikonoxxuti ta' abbuż.

"Il-vjolenza kontra n-nisa hija ksur tad-drittijiet fundamentali," spjegat id-Direttur tal-FRA, [Sirpa Rautio](#). Madwar l-UE, id-drittijiet tan-nisa għad-dinjità, għas-sigurtà u għall-ugwaljanza għadhom qed jiġu miksur fuq skala kbira. Meta l-abbuż jiġi normalizzat, moħbi jew injorat, dan jirrifletti nuqqasijiet sistemiċi fil-ħarsien tad-drittijiet. L-Istati Membri għandhom obbligi ċari biex jipprevjenu l-vjolenza, jipproteġu l-vittmi u jiżguraw aċċess għall-ġustizzja — u dawn is-sejbiet juru li għad hemm xogħol urġenti li għandu jsir."

Il-biċċa l-kbira tal-vjolenza mhijiex irrappurtata biżżejjed. 6.1 % tan-nisa biss irrappurtaw lill-pulizija abbuż fiżiku jew sesswali mis-sieħeb tagħhom, u 11.3 % biss meta ġew attakkati minn persuni li ma kinux is-sieħeb tagħhom. Il-mistħija, li jwaħħlu fihom infushom, il-biża' u n-nuqqas ta' fiduċja fil-pulizija huma l-aktar raġunijiet imsemmija għan-nuqqas ta' rapportar. In-nuqqas ta' għarfien jew aċċess għal networks ta' appoġġ huma fatturi li jikkontribwixxu għal dan.

"Jekk in-nisa ma jistgħux jafdaw lill-istituzzjonijiet biex jipproteġuhom, irridu nistaqsu x'jeħtieġ li jinbidel – mhux x'għandhom jagħmlu aktar in-nisa," qalet id-Direttriċi tal-EIGE Carlien Scheele. "Dawn is-sejbiet huma pjan direzzjonali għall-gvernijiet: il-prevenzjoni, l-intervent bikri, u s-servizzi speċjalizzati, sensittivi għall-ġeneru u ffokati fuq il-vittma jridu jsiru standard, mhux fakultattivi."

Uħud mis-sejbiet ewlenin mir-rapport juru li:

- **Il-vjolenza sesswali u l-kunsens:** Il-vjolenza sesswali spiss tiġi kkaratterizzata aktar min-nuqqas ta' kunsens mogħti b'mod liberu milli mill-forza fiżika. In-nisa għandhom probabbiltà kważi doppja li jiġu stuprati permezz ta' koerzjoni jew minħabba l-inabbiltà li jirrifjutaw, milli permezz ta' forza fiżika ċara.
- **Il-vjolenza ekonomika u psikoloġika minn sieħeb intimu hija komuni iżda inqas viżibbli:** 29.9 % tan-nisa esperjenzaw vjolenza psikoloġika mis-sieħeb tagħhom. Din tinkludi umiljazzjoni, għira, intimidazzjoni jew mġiba ta' kontroll. Għal 12.7 % dan iseħħ ta' spiss. Fejn saru mistoqsijiet addizzjonali, 20.3 % tan-nisa esperjenzaw vjolenza ekonomika mis-sieħeb tagħhom, bħal pereżempju ma tħallwex jaħdmu u nuqqas ta' kontroll fuq il-finanzi tal-familja.
- **Il-vjolenza domestika tħalli impatt qawwi fuq il-ħajja tan-nisa:** 9.8 % ġew mweġġa' fiżikament mis-sieħeb tagħhom, u 9.6 % sofrew mentalment. Bħala riżultat, 17.6 % tan-nisa kellhom bżonn jieħdu ħin liberu mix-xogħol u 30.8 % ma setgħux jagħmlu attivitajiet marbuta max-xogħol tad-dar minħabba vjolenza mis-sieħeb. In-nisa spiss jirrikorru għal mediċini (25.8 %) u għall-alkoħol jew id-drogi (17.1 %) biex ikompaw mal-effetti.
- **Il-vjolenza fit-tfulija u l-konsegwenzi dejjiema tagħha:** 32.9 % tal-bniet esperjenzaw vjolenza fiżika jew emozzjonali mill-ġenituri tagħhom. Dan jista' joħloq ċiklu ta' vjolenza, peress li n-nisa li esperjenzaw abbuż sesswali fit-tfulija għandhom probabbiltà ta' tlieta sa erba' darbiet aktar li jiffaċċjaw vjolenza sesswali bħala adulti.
- **Id-diġitalizzazzjoni qed tintensifika l-abbuż:** 8.5 % tan-nisa kienu soġġetti għal cyberstalking u 7 % tan-nisa li jaħdmu kienu soġġetti għal fastidju sesswali online. 10.2 % kellhom il-lokalizzazzjoni tagħhom immonitorjata jew ittrekkjata mis-sieħeb intimu tagħhom.

Sabiex tibdel il-liġi f'azzjoni, l-UE qawwiet il-qafas legali tagħha, inkluża d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, u r-ratifika fl-UE kollha tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Imma l-liġijiet waħedhom mhumiex biżżejjed.

L-istħarriġ jindika prijoritajiet ċari: it-titjib tas-sistemi ta' rapportar sensittivi għall-vittmi u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru; l-iżgurar tal-aċċess għal appoġġ olistiku, inklużi l-kura tas-saħħa u s-servizzi speċjalizzati; il-kriminalizzazzjoni tal-vjolenza sesswali bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens; l-estensjoni tal-protezzjoni legali għall-vjolenza ekonomika u psikoloġika; it-tisħiħ tar-reazzjonijiet għal abbuż iffaċilitat mit-teknoloġija; u l-investiment fil-prevenzjoni bikrija, fil-protezzjoni tat-tfal u fis-sistemi infurmati dwar it-trauma.

Dan ir-rapport jippreżenta riżultati dettaljati mill-istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u jikkomplementa r-[rapport tas-sejbiet ewlenin tal-2024](#) dwar il-prevalenza ġenerali, il-vjolenza minn sieħeb u minn xi ħadd ieħor, u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

L-istħarriġ twettaq b'mod konġunt mill-Eurostat, mal-FRA u mal-EIGE, abbażi ta' aktar minn 114,000 intervista bejn Settembru 2020 u Marzu 2024.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:

- FRA: media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642
- EIGE: georgie.bradley@eige.europa.eu / Tel.: +370 6982 78 26

Din l-istqarrija għall-istampa ġiet tradotta miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea iżda ma sarx qari tal-provi mill-esperti tal-FRA.